**28 ta' April, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Amante Scicluna noe

*versus*

Teresa armla Abela

**Esekutur Testamentarju — Illeġitimità tal-Persuna. —**

*L-esekutur testamentarju m'għandux ebda fakoltà oħra ħlief dawk neċessarji għall-adempiment tad-dispożizzjonijiet testamentarji u ma jistax jibda ebda kawża li ma tkunx neċessarja għall-esekuzzjoni tat-testment. L-esekutur lanqas jista' jirrappreżenta lill-eredità.*

*L-esekutur mhux persuna leġittima li jistitwixxi kawża għar-represa ta' pussess ta' fond enfitewtiku, liema azzjoni tikkompeti biss lill-eredi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi l-konvenuta kienet l-utilista tal-fondi numri 7 u 8 Garzin Street, Msida, liema enfitewsi temporanea skadiet fil-1958, però l-fondi de quo ġew rilaxxjati a favur ta' l-attur nomine fil-1964; u premess li f'dawn il-fondi l-attur sab li mhumiex fi stat tajjeb u skond il-liġi u jinsabu delapidati kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u premess li skond il-liġi dawn il-fondi kellhom jiġu restitwiti lill-attur nomine fi stat tajjeb — talab illi l-konvenuta, għar-raġunijiet fuq imsemmija, tiġi kkundannata sabiex fi żmien qasir u perentorju ssewwi l-fondi numri 7 u 8, Garzin Street, Msida, u tagħmel dak kollu li jirriżulta meħtieġ sabiex il-postijiet ikunu fi stat tajjeb u skond il-liġi taħt direzzjoni ta' perit nominat, u fin-nuqqas l-attur nomine jiġi awtorizzat jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ a spejjeż tal-konvenuta; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li bl-eċċezzjoni preliminari l-konvenuta tippretendi li l-

attur m'għandux vesti legali biex jista' jesperixxi dina l-kawża;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li tajjeb li jiġi mill-ewwel rilevat li l-esekutur testamentarju bħala mandatarju ("sui generis"), għandu jżomm ruħu fil-limiti ta' l-inkariku tiegħu, u m'għandux ebda fakoltà oħra, ħlief dawk neċessarji għall-adempiment tad-dispożizzjonijiet testamentarji; u għalhekk skond sentenza ta' l-Appell in re "Falzon vs. Sciberras", tas-27 ta' Ottubru, 1890, l-esekutur ma jistax jibda ebda kawża "non necessaria per l'esecuzione del testamento". Dawna l-prinċipji jinsabu riportati fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Marzu, 1958 in re "Philip Sammut vs. Ersilia Zahra".

Ikkunsidrat:

Li dana premess, għandu jiġi rilevat li l-azzjoni odjerna hija korollarju tar-rilaxx tal-fondi in kwistjoni lill-attur nomine bħala konsegwenza tat-terminazzjoni tal-enfitewsi.

Li dina l-Qorti mhijiex sejra tidħol fil-kwistjoni jekk ir-rilaxx magħmul mill-enfitewta lill-esekutur testamentarju sarx regolarment; però, għall-fini ta' l-eċċezzjoni preliminari in diskussjoni huwa utili li jiġi osservat li l-Qorti hija tal-fehma li r-ripresa ta' pussess tal-fond enfitewtiku ma tikkompetix lill-esekutur testamentarju, iżda lill-eredi. Għalhekk, kwalunkwe azzjoni bħal dik preżenti, li tidderiva minn dana l-fatt, għandha tiġi eżaminata u deċiża fuq l-istregwa ta' dina l-konsiderazzjoni.

Li minn dana ssegwi li l-azzjoni tirriverti fuq il-pussess

tal-fond, għaliex hija intiża biex tiġi nfurzata l-obligazzjoni li fit-terminazzjoni ta' l-enfitewsi l-fond għandu jiġi restitwit lill-padrun dirett fi stat tajjeb.

Li skond l-art. 876 tal-Kodiċi Ċivili il-pussess, mal-mewt tad-decujus, jgħaddi fl-eredi u għalhekk azzjoni simili tmiss lilhom, bħala dawk li għandhom l-eserċizzju jew l-amministrazzjoni libera tad-drittijiet relativi għal dana l-pussess. (art. 782(c) Proċ. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li biex l-attur jilleġittima dina l-azzjoni, jrid jipprova, dak li m'għamilx, li l-poteri lilu mogħtija huma tali li jisvestu lill-eredi minn dak il-pussess li huma għandhom in forza tal-liġi. Dana l-prinċipju ġie enunċjat fis-sentenza mogħtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April, 1963 in re "Dr. Francesco Masini noe. vs. Wilfred Podestà, noe".

Li, infatti, huwa notorju l-assunt li dmir ta' l-esekutur testamentarju huwa biss dak li jesegwixxi "quegli atti nominatamente espressi nel testamento e specialmente quelli che devono essere sodisfatti immediatamente dopo la morte del testatore" (Koll. IX, 619; XXVI, iii, 701).

Li, fil-fehma tal-Qorti t-talba odjerna ma jidher minn imkien li setgħet ġiet awtorizzata mid-decujus billi ta lill-esekutur din il-fakoltà espressament fit-testment; u għalhekk tant id-devoluzzjoni tal-fondi kemm l-azzjoni odjerna li minnha tidderiva, jeċċedu l-ambitu tal-ġestjoni ta' l-attur, li ma jistax jippretendi li jinvadi d-drittijiet tal-werriet "il cui diritto alla eredità devolutagli si retrotrae al giorno dell'apertura della successione" (Kollez. XXI, ii, 223); u dana jingħad għaliex fost l-attribuzzjonijiet li l-liġi tagħti lill-esekutur testamentarju "non si comprende quella della rappresentanza

dell'eredità" (App. 22 ta' April, 1932 in re "Oscar Azzopardi vs. Dr. Alfredo Fabri, noe", u Kollez. XXVIII, i, 736).

Ikkunsidrat:

Li huwa veru li l-esekutur testamentarju għandu l-inkombenza li jeżegwixxi t-testment, u li jista' jagħmel u jikkontesta kawżi in konnessjoni biss mad-doveri li huma lilu attribwiti, bħal ma huwa l-każ ta' l-immissjoni fil-pussess tal-legat (Kollez. XXXIII, i, 303) però f'każ simili, qabel ma jaġixxi l-esekutur messu talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti; dak li ma għamilx.

Li, però, dana d-difett sata' jiġi sanat minn dina l-Qorti li għandha ġurisdizzjoni konkorrenti (P.A. 6 ta' Lulju, 1868 in re "Ullo vs Bernardini") kieku rriżulta — li però mhux il-każ li t-talba ta' l-attur tidħol fl-attribuzzjonijiet ordinarji tiegħu; u minħabba f'hekk l-attur mhux persuna leġittima li jistitwixxi dina l-kawża, billi azzjoni simili messha ġiet esperit mill-eredi ta' Carmela Vassallo La Rosa.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari fis-sens premess u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.